Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,642, 11 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 248 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Pastoral Psychology taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Diploma in Pastoral Psychology u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Diploma in Pastoral Psychology - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 207 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors għandu jkun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) Grad ta' Bachelor klassifikat mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II f'qasam ta' studju meqjus xieraq mill-Bord; jew

(b) Grad ta' Bachelor klassifikat mill-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III f'qasam ta' studju meqjus xieraq mill-Bord, sakemm li dawn l-applikanti jkollhom kwalifiki oħra, inkluż esperjenza rilevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu.

(2) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, wara li jkun eżamina bir-reqqa d-dokumenti sottomessi b'sostenn għall-kwalifiki ppreżentati, u wara li jkun intervista lill-applikanti, jista' jirrakomanda d-dħul fil-kors ta' dawk l-applikanti li jkunu applikaw għad-dħul skont il-*Policy for the Recognition and Accreditation of Prior Learning* (*RPL*) tal-Università u li jkollhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza dokumentata jekk dawn ikunu meqjusa komparabbli għall-kwalifiki mitluba fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament. Id-dħul ta' applikanti bħal dawn jista' jkun soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu imposti biex jagħmlu tajjeb għal xi nuqqasijiet fil-preparazzjoni akkademika tagħhom."